**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 26 – IT-TLIETA, 6 TA' DIĊEMBRU 2016

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Alfrida Abela | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 25 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Il-Kumitat approva proposta għal emenda mis-Sinj. Abela biex f'paragrafu 8.1, wara l-kelma 'tieqaf' jiddaħħlu l-kliem 'u trikkeb'.

1.3. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE). Dan wara proposta miċ-Chairperson u ssekondat is-Sinj. Abela.

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Is-Sinj. Muscat ġibdet l-attenzjoni tal-membri li fid-dawl tal-istage ta' quddiem id-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq hija kitbet lis-Sur Kevin Zahra ta' TM. TM min-naħa tagħhom qalu li huma ilhom jinfurmaw lill-operatur biex tibda trikkeb lin-nies iżda s'issa jidher li ma ħallietx il-frott.

2.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li dwar ix-shelters tal-istages tul Triq il-Kosta, TM ħarġet sejħa għall-offerti. Kif ikun magħżul il-kuntrattur, dawn isiru.

2.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li hija bħala *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq, kellha mas-Sur Mark Sant, *Chairperson* tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Din il-laqgħa kienet intiża biex jiddiskutu s-sitwazzjoni tal-Kumitati Amministrattivi. Il-President deher li kien xettiku fuq il-Kumitat Amministrattivi.

2.4. Iċ-*Chairperson* żiedet tgħid li waqt il-laqgħa, xi Kumitati Amministrattivi ressqu l-idea ta' Kunsill Lokali għaż-żoni tal-Madliena, Magħtab, Baħar iċ-Ċagħaq u l-Ibraġġ.

2.5. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-flus li se jinġabru mill-attività tal-Milied li se sseħħ nhar is-16 ta' Diċembru, se jmorru għal żewġt itfal taħt il-kura tal-aġenzija Appoġġ.

2.6. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex jikteb ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Mario Hili fid-dawl tal-impenn tiegħu minn sena għal-oħra, fit-tilqima lir-residenti għall-kontra l-influwenza.

2.7. Iċ-*Chairperson* qalet li hemm bżonn issir ittra oħra ta' kondoljanzi lis-Sur Pace Barton għaliex mietet ommu u oħra lil mara tas-Sur Mario Hili, għaliex mietet oħtha.

## 3. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED

3.1. Kien magħruf li l-ħin tal-attività huwa fl-16.30 biswit il-Knisja Santa Marija tal-Anġli.

3.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li jridu jinxtraw xi bżieżaq sabiex iżejnu l-Open Top Bus.

3.3. Ir-rigali se jitqassmu minn fuq iz-zuntier tal-Knisja.

3.4. Is-Sinj. Cuomo esprimiet ix-xewqa tagħha li jkollhom xi kanzunetti relatati mal-Milied sabiex ikantaw it-tfal u għaldaqstant jagħtu kulur lill-attività.

3.5. Is-Sinj. Vella se titkellem ma' Nestle sabiex tara takkwistax għad ta' boroż bil-ħelu għat-tfal.

## 4. TPOĠĠIJA TA' SKIP FI TRIQ ĠDIDA

4.1. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur preżenti tal-ġbir tal-iskart sabiex iżid skipp u s-servizz ta' tbattil tagħha fi triq ġdida fi Triq ix-Xbiek.

4.2. Dan minħabba l-inkonvenjent ta' għad ta' boroż li qegħdin jakkumulaw fuq il-bankina, quddiem il-blokka ġdida li tinsab fi Triq ix-Xbiek kantuniera ma' Triq il-Lampara.

## 5. RAPPORT FINANZJARJU

5.1. Is-SE ppreżenta r-rapport finanzjarju lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv.

5.2. Wara li l-membri flew ir-rapport finanzjarju, s-Sinj. Muscat esprimiet li mill-fondi li għandu l-Kumitat, għandu jalloka parti għall-manutenzjoni ta' Triq Xatt il-Palm u Triq ir-Ridott.

## 6. DOG PARK

6.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li f'Baħar iċ-Ċagħaq hemm żieda kbira ta' familji li għandhom il-klieb.

6.2. F'dan id-dawl hija esprimiet li l-proġett ta' dog park, hu ideali ferm għar-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

6.3. Madanakollu, wara diskussjoni, intqal li dog park jista' jkun ta' inkonvenjenza għar-residenti u anki jiġġenera irwejjaħ ta' ħmieġ tal-klieb. Għalhekk il-Kumitat qabel li ma jipproċedix b'dan is-suġġett.

## 7. SPIŻERIJA F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

7.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li preżentament hemm 10 applikazzjonijiet għal-ftuħ ta' spiżeriji fin-Naxxar kollu.

7.2. F'dan ir-rigward is-Sinj. Cuomo pproponiet li ssir talba lill-Bord tal-Ispiżjara biex tkun ikkonsidrata l-possibilità li tinfetaħ spiżerija f'Baħar iċ-Ċagħaq jew fil-Magħtab.

## 8. ĦWEJJEĠ OĦRA

8.1. Is-Sinj. Vella infurmat li għadha kemm bdiet klassi Circuit Training ġdida u għaliha reġa' hemm konkorrenza tajba.

8.2. F'dan il-ħin is-Sinj. Vella kienet skużatha mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien is-18.20.

8.3. Is-Sur Bonello ppreżenta lista ta' toroq li għandhom bżonn *refreshing* tal-marki tal-art. Din il-lista ġiet mgħoddija lill-Kunsill sabiex jesegwixxi x-xogħol meħtieġ.

8.4. Is-Sur Bonello ġibed l-attenzjoni li t-tabella direzzjonali li kienet tilqa' s-sewwieqa li joħorġu minn Triq is-Sikka għal Triq Anton Manwel Caruana sfat nieqsa. Għaldaqstant hu talab sabiex terġa' teħel oħra sabiex tonqos l-iskuża li ma jafux fuq liema naħa għandhom iduru.

8.5. Is-Sur Bonello semma wkoll li fi Triq il-Lampara, hemm kaptell li parti minnu se jisfronda. Hu għandu jara x'servizzi hemm taħtu, sabiex eventwalment, il-Kunsill jirrapporta lill-entità kkonċernata.

8.6. Is-Sur Bonello qal li hemm bżonn teħel mera fi Triq id-Dwieli kantuniera ma' Triq il-Lampara.

8.7. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jikteb lill-awtorità tal-ippjanar u lit-TM dwar żvilupp li hemm fi Triq id-Dwieli ma' Triq ix-Xambekk. Dan għaliex filwaqt li sid dan l-iżvilupp kellu l-obbligu li jiżviluppa l-art ta' quddiemu, dan ma seħħx.

8.8. Is-Sur Bonello ssuġġerixxa li jintbagħtu nies pajżana f'Baħar iċ-Ċagħaq sabiex jgħassu u jieħdu azzjoni fuq min jinqabad ma jsegwix il-programm tal-ġbir tal-iskart. F'dan ir-rigward is-Sinj. Cuomo se tikteb lis-Sur Ramon Deguara, d-Direttur tal-Cleansing Services.

8.9. Iċ-*Chairperson* qalet li fi Triq il-Kosta hemm xi residenti li qegħdin joħorġu l-boroż tal-iskart tard.

## 9. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

9.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar, 2017 għal-17:00hrs.

9.2. Il-laqgħa ntemmet fis-19:00hrs.

*(Iffirmati)*
Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

*(Iffirmati)*
Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**